Kummentarju (3)

# L-element Reliġjuż fl-Ilsien Malti



kitba ta' CARM C. CACHIA

**It-twemmin Nisrani tagħna l-Maltin ilu magħna għal bosta sekli. Anzi aħna niftaħru li kien missierna San Pawl li ġabilna d-dawl tal-fidi, sittin sena biss wara t-twelid ta' Kristu. Minn dakinhar 'l hawn dan it-twemmin tagħna ma naqas qatt, għalkemm seta' kien hemm żminijiet mudlama meta qalbna birdet xi ftit għas-sejħa tal-Mulej. Hu x'inhu, illum dan it-twemmin sar parti minna u mill-istorja u l-ġrajjiet tal-poplu tagħna. Nistgħu ngħidu li l-element reliġjuż hu parti integrali mill-kultura tagħna u waħda mill-karatteristiċi li jagħmluna dak li aħna – il-ġens Malti. Għalhekk ma jistax jonqos li ma nsibuhx ukoll fit-taħdit tagħna ta' kuljum. Infatti spiss nużaw kliem jew espressjonijiet meħudin mir-reġistru reliġjuż biex nesprimu ruħna fit-taħdit tagħna ma' ħbiebna u l-familjari tagħna, fi djarna, fuq ix-xogħol u kullimkien. Kultant ninkluduh mingħajr lanqas biss nintebħu xi nkunu qegħdin ngħidu.**

F'din ir-riflessjoni qasira bi ħsiebni nagħti daqqa t'għajn lejn taħdit il-Malti biex nara kif u f'liema ċirkostanzi niesna jagħmlu użu minn kliem marbut mat-twemmin tagħna. Ħarsa ħafifa mill-ewwel turi li dan l-element jintuża ħafna fil-qwiel u l-idjomi Maltin. Mill-qwiel nintebħu kemm il-Malti kellu fiduċja sħiħa fil-Mulej u, biex juri dan, insibu qwiel bħal *Xemx u xita Alla jaf mita!* jew *Alla ma jħallasx bin-nhar ta' Sibt*. Jew inkella *Alla ma jsawwatx u jerġa'*. Jew ukoll *Skont il-muntanja Alla jibgħat is-silġ!* Dawn kollha juru poplu li kien imdorri jbati tort ta' natura ħarxa jew sidien qliel, imma li kellu s-sabar jistenna żmien aħjar u fl-istess ħin kellu fidi kbira f'Alla li ma jinsa qatt lill-batut. Imbagħad ġieli nużaw qwiel b'konnotazzjoni reliġjuża filwaqt li nkunu nirreferu għal ħwejjeġ jew sitwazzjonijiet lajċi. Eżempju tipiku hu l-qawl *Bla qaddisin ma titlax is-sema*, li bih nuru li bis-saħħa tiegħek biss ħafna drabi ma tasal imkien. Trid l-għajnuna ta' xi ħadd imlaħħaq.

L-idjomi wkoll jiffurmaw parti integrali mit-taħdit tagħna. U hawn nerġgħu niltaqgħu ma' għadd ġmielu minnhom marbutin ma' dan l-element reliġjuż. Ħafna huma espressjonijiet li juru din l-istess fiduċja għamja li semmejt aktar 'il fuq. Hekk, meta l-bniedem iħossu mgħaffeġ taħt it-toqol tal-ħajja, spiss toħroġ minn fommu xi espressjoni bħal: *Jagħmel ta' fuq*; *Nieħdu kollox minn idejn Alla*; jew *Inħallu kollox f'idejh*. F'diskorsna ngħidu wkoll *Minn fommok 'l Alla* biex nuru tama li xi ħaġa tirnexxi. Mill-banda l-oħra meta, fid-debbulizza tagħna, niżbaljaw, ngħidu *Ix-xitan għamieni*, jew inkella meta l-affarijiet jibdew imorru żmerċ ngħidu *Ix-xitan dejjem jara kif ideffes denbu* jew *Ix-xitan m'għandux ħalib*.

Drabi oħra nużaw espressjonijiet bħal: *Madonna Ta' Pinu ħenn għalina*, jew *Madonna idħol għalina int*. Dawn joħorġu kważi b'mod awtomatiku meta nsibu ruħna f'sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja, bħal mard jew problemi tal-familja jew tax-xogħol. Imma mbagħad hemm oħrajn li ngħiduhom biex nuru stagħġib, forma ta' esklamazzjoni, bħal *Il-ħniena ħanina x'qatgħa tajtni!* jew *Is-Santa Marija, biex ġej illum!?* Oħrajn jingħadu b'mod iperboliku f'sitwazzjonijiet differenti bħal: *Donnok għandek tal-Papa!* li tingħad għal wieħed li jiekol ħafna, jew *Qisek ġej bil-vara l-kbira!* li tingħad għal xi ħadd kajman, bla ħeġġa u li jimxi bil-mod wisq. Dawn u oħrajn simili huma kollha espressjonijiet li, minkejja li mhumiex użati f'kuntest strettament reliġjuż, permezz tagħhom infissru aħjar dak li jkollna f'moħħna jew f'qalbna.

Fil-ktieb **Papers in Maltese Linguistics**, Ġużè Aquilina jirreferi għall-użu tar-reġistru reliġjuż fil-kuntest semantiku. Skont dan il-lingwista, il-kelliem Malti ħafna drabi juża kliem reliġjuż jew b'konnotazzjoni reliġjuża biex imewwet jew itaffi xi kliem jew messaġġi li jkun irid jgħid. Dan jissejjaħ ewfamiżmu. Hekk, fil-każ ta' mewt, għall-mejjet il-kelliem jgħid: *Mar għand il-Bambin* jew *Mar għand Alla*. Flok ix-xitan ġieli juża': *ta' denbu twil*, jew *brejbes*. Drabi oħra nibdlu xi ftit il-binja tal-kelma reliġjuża biex ma tibqax strettament reliġjuża. Dan jgħodd għal espressjonijiet bħal *madoffi* jew *madonċi* flok *madonna*, *il-istra* flok *il-ostja*, *il-lallu* flok *il-alla*, *is-sagremew* flok *is-sagrament*. Dan għaliex il-Malti jħoss li kelmiet bħal Madonna, Sagrament, Ostja u Alla huma sagri wisq biex jissemmew fil-batal filwaqt li l-espressjonijiet modifikati jistgħu jingħadu bla ma wieħed ikun qiegħed jonqos mir-rispett lejn twemminu. L-istess jgħodd meta flok *ix-xjaten* ngħidu *x-xjafek*; f'dan il-każ din il-kelma tintuża minħabba ċerta trepidazzjoni mill-ispirtu tal-ħażen.

Imbagħad hemm kliem reliġjuż li nużawh regolarment fid-diskors tagħna ta' kuljum. Xi kelmiet minn dawn jintużaw ħalli dak li jkun ifisser ruħu aħjar f'sitwazzjoni lajka. Oħrajn jingħadu għal kollox barra mill-kuntest

reliġjuż, sempliċement għal enfasi. Xi eżempji mill-ewwel kategorija nsibuhom f'espressjonijiet bħal: għandi *salib* fuq ix-xogħol (għandi problema iebsa), rajtek *anġlu* (sibtek ta' għajnuna); sab *niċċa* tiġih (sab post importanti fis-soċjetà); iħobb jagħmilha tal-*qaddis* (iħobb jidher twajjeb u ġust quddiem in-nies); mar *qerr* kollox ma' ħabibu (mar jgħid kollox); donnu mess is-*sema* b'idu (sar importanti); ħassejtni fil-*ġenna*/fil-*ġenna tal-art* (ħassejtni kuntent ħafna). Ngħidu wkoll: kemm kemm *tqarbint*, (l-ikel li kilt kien ftit wisq); kemm hu *skumnikat* (kemm hu mqareb); u għandi *fidi* li nirnexxi (meta rridu ngħidu 'għandi fiduċja'). Xi eżempji mit-tieni kategorija huma: Qala' ħasla *papali*; Kiel ikla *nobis*; u X'il-*kirjelejs* trid? Nużaw ukoll il-kelma *Ammen* biex ngħidu li xi ħaġa intemmet għal kollox, bħal fil-każ: "Dak il-ktieb li sellift għidlu *ammen* għax m'intix se terġa' tarah". Hekk ukoll ngħidu *Deo gratias* jew *Allelulja* meta nkunu temmejna xi biċċa xogħol tqila jew tedjanti.

Imbagħad hemm l-ismijiet ta' qaddisin jew ta' personaġġi bibliċi li aħna nużawhom b'mod metaforiku biex infissru xi karatteristika ta' individwu. Hekk, bniedem xħiħ jew traditur ngħidulu *Ġuda*; lil min ma jemminx ngħidulu *San Tumas*; xi bniedem b'fiżjonomija kerha ngħidu li donnu *ta' taħt San Mikiel* filwaqt li min hu simpatiku ngħidulu *anġlu*. Nużaw ukoll il-kelma *fariżew* għal bniedem ipokrita u *Lhudi* għal bniedem bla qalb.

Il-Malti mitkellem ilu jeżisti għal mijiet ta' snin li matulhom evolva, inbidel u ssaħħaħ sa kemm sar il-lingwa tagħna tal-lum. Madankollu l-Malti miktub m'ilux jeżisti daqshekk żmien. Minkejja li l-ewwel kitba bil-Malti li nafu biha tmur lura sas-seklu 15, kien biss f'dawn l-aħħar mitejn sena li niesna bdew jiktbu bil-Malti. Qiegħed insemmi dan għaliex irridu ngħidu li waħda mir-raġunijiet li l-lingwa tagħna bdiet tinkiteb kienet proprju minħabba t-twemmin Nisrani tagħna. Infatti fost l-eqdem kitbiet insibu **It-Tagħlim Nisrani** ta' Wizzino tal-1750, il-**Kurunelli** ta' Ludovik Mifsud Tommasi u s-**Salmi** ta' Richard Taylor fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Imbagħad, aktar tard, ġew il-poeżiji, l-innijiet u l-kitbiet reliġjużi ta' nies bħal Dun Karm, Patri A. Cuschieri, Patri Marjanu Vella, Mons Lawrenz Cachia u tant u tant poeti u kittieba oħra li komplew jagħnu lil ilsienna bix-xogħlijiet reliġjużi



tagħhom bil-Malti. Ma' dawn irridu nżidu l-għadd kbir ta' kotba reliġjużi bil-Malti li qegħdin jiġu stampati b'mod regolari minn djar ta' pubblikazzjoni bħal *Lumen Christi* u *Librerija Preca*. Dawn kollha jkomplu jsaħħu l-element reliġjuż fil-lingwa Maltija

**Minn dawn il-ftit osservazzjonijiet wieħed jinduna kemm l-ilsien Malti hu marbut direttament jew indirettament mat-twemmin Nisrani tagħna l-Maltin. Għalhekk mhux la kemm tifred dan l-ilsien mit-twemmin tal-ġens li jitkellmu, mingħajr ma tkun teqred waħda mill-karatteristiċi li jagħmluh lingwa unika.**

***Biblijografija***


Aquilina Ġ., *Papers in Maltese Linguistics*, Royal University of Malta, Malta 1970

Borg K. (ed), *Lingwa u Lingwistika*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1998

Cachia L., *Ħabbew l-Ilsien Malti*, Veritas Press, Malta 2000

Friggieri O, *Il-Poeżija Maltija*, Malta University Publishers, Malta 1996

Mifsud Ġ u Manduca J.S., *Il-Qawl Iqul*, PEG Ltd, 1989

Zarb T., *Ja Girieni*, Colour Image, Malta, 1997



A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236



